MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 184/2005

Anthony u Maria Concetta konjugi Galea
vs
Giovanni u Victoria konjugi Farrugia

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-atturi li biha ppremettew:

Illi l-atturi kienu gew awtorizzati biex jaghmlu certi xogholijiet u dan skond sentenza tas-16 ta' Settembru, 1994 mill-Qorti tal-Appell;

Illi peress li ghalkemm il-konvenuti kienu naqsu milli jaghmlu dawn ix-xogholijiet, l-atturi kienu ottemperaw ruhhom mas-sentenza billi kienu ghamlu x-xogholijiet taht id-direzzjoni tal-perit tekniku AIC David Pace u dan kif kien ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz;

Illi ghalkemm il-konvenuti kienu gew interpellati bl-ispejjez li saru, huma xorta kienu baqghu inadempjenti u sallum kienu qed iqajmu hafna skuzi ta' kwalunkwe xorta biex ma jhallsux dak l-infieq li kien necessarju biex ix-xogholijiet necessarji jkunu jistghu jsiru;

Illi kienu saru proceduri sabiex jaghtu effett legali lis-sentenza, liema sentenza kienet giet konfermata fl-14 ta' Lulju, 2000 fejn wara sar appell, fejn kienet giet deciza fis-16 ta' Lulju, 2004;

Il-konvenuti kienu gew interpellati biex ihallsu sija l-ispejjez li kienu gew inkorsi kif ukoll l-ispejjez u drittijiet legali tal-proceduri li kienu saru, pero` l-konvenuti xorta kienu baqghu inadempjenti.

L-atturi talbu lill-Qorti:

1. Tiddikjara li l-atturi ezegwew ix-xogholijiet skond is-sentenza debitament moghtija u cioe` fis-16 ta' Settembru, 1994;

2. Tiddikjara u tillikwida l-ispejjez u infieq necessarju sabiex saru x-xogholijiet necessarji u dan kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz, jew somma verjuri;

3. Tikkundanna l-hlas tal-imsemmija somma li tkun intefqet skond l-istess sentenza.

Bl-ispejjez kif ukoll imghax legali minn meta saru x-xogholijiet kif ordnati.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-atturi.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti [il-kunjom tal-konvenuti fl-okkju huwa FARRUGGIA izda l-Qorti sejra taccetta l-istess nota bhala valida] li biha eccepew:

1. Illi fl-ewwel lok l-atturi kellhom jippruvaw li huma effettivament ghamlu x-xogholijiet li u kif gew ordnati mill-Qorti.

2. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuti ma kellhomx ibatu l-ispejjez ta' dawn il-proceduri stante li huma kienu offrew li jhallsu lill-atturi s-somma ta' l-ispejjez minnhom inkorsi in ezekuzzjoni tas-sentenza in kwistjoni skond l-istima tal-perit tal-konvenuti (Dok A); izda madankollu l-atturi kienu baqghu jinsistu fuq somma esagerata u dana kif kien ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi sabiex jezimu ruhhom minn kwalsiasi responsabbilta`, il-konvenuti kienu ddepozitaw permezz ta' cedola ta' depozitu (Dok B) l-ammont likwidat mill-perit taghhom Anthony Muscat skond ic-certifikat Dok A.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-konvenuti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-digriet tas-16 ta' Mejju, 2005 li bih il-Perit David Pace gie nominat biex jikkonferma x-xogholijiet saru u kif ordnat mill-Qorti u l-valur tax-xogholijiet.

Xehed il-Perit David Pace li qal li wara li kien ircieva d-digriet tal-Qorti kien zamm access fil-prezenza tal-partijiet u d-difensuri taghhom fit-13 ta' Ottubru biex jergghu jduru x-xogholijiet anke peress li uhud mid-difensuri jekk mhux it-tnejn li huma ma kienux edotti mill-fatti precedentement. Hu spjegalhom fil-qosor x'kien sar. Ix-xhud kien gie

nkarigat fil-kawza nnifisha fejn kien hemm il-kawza tal-oppozizzjoni tal-qasma. Wara li nghatat is-sentenza kien gie nkarigat biex jissorvelja l-qasma fizika fuq il-post u fil-fatt kien sar ix-xoghol fis-sens li kien tela' hajt fl-ahhar li qata' parti mill-fond tal-konvenut biex tigi inkorporata mal-fond tal-atturi u kien hareg ukoll certifikat fl-24 ta' Awissu 1998 fejn kien qal li dan ix-xoghol li kellu jsir skond is-sentenza fil-fatt kien twettaq. Jigifieri x-xhud kien iccertifika li x-xoghol kien sar skond is-sentenza.

Fuq il-kwistjoni tal-ispejjez kienu gew esebiti diversi ricevuti ta' hlas. Qal li x-xoghol kien beda u waqaf xi drabi peress li s-sitwazzjoni ma tantx kienet felici u whud mill-kuntratturi kienu bdew u rrifjutaw li jkomplu u kellhom jitqabbdu kuntratturi ohra. Minn dak li seta' jara x-xhud, kien deherlu li ghas-sitwazzjoni u ghat-tip ta' xoghol li kellu jsir dawn il-kontijiet kienu accettabbli. Dawn kienu jinkludu hlas lill-kuntratturi, hlas ghal kiri ta' ghodda u ingenji, hlas ghall-materjali u kien hemm ukoll forsi xi ammont zghir li ma dahalx fih hu. Hu raha biss dak li kellu x'jaqsam max-xoghol u qal li biex saret din il-konstruzzjoni deherlu li dawk l-ammonti kienu ragjonevoli. Hu esebixxa r-ricevuti li kien ivverifika fuqhom u kkonferma li dawn ix-xogholijiet kienu saru. Ix-xhud ma kkonfermax il-korrettezza dwar xi ftuh ta' ***account*** jew ta' xi spejjez tal-marixxalli ghax hu kien qed jirreferixxi biss ghax-xogholijiet strutturali li saru fil-post. Mistoqsi mill-Qorti dwar l-ammont imsemmi hux gustifikabbli jew le qal li kienu xi ftit gholja forsi xi 15% pero` qal li ma kienx facli li wiehed isib haddiema li jahdmu forsi anke b'rati normali minhabba s-sitwazzjoni kif kienet ghax kien hemm piki u glied u kien hemm anke xi kuntratturi li bdew ix-xoghol u kellhom jitilqu.

Ra d-dokumenti li esebiti minn Dr. Busuttil u kkomparahom mad-dokumenti li esebixxa hu stess u qal li l-akbar somma, dik ta Lm2100, fil-fatt tirrizulta l-istess. Kompla jghid li fl-access li zamm dan l-ahhar l-atturi indikawlu xi singjatura fil-hajt, u din tidher fir-ritratt esebit, u qalu li nqala' ***pipe*** tal-ilma li kien tal-post tal-konvenut u ghalhekk kienu qed jippretendu li kellhom jaghmlu xoghol zejjed u x'aktarx li hemm xi ricevuti ta' depoziti biex isir

dan ix-xoghol ta’ lapazzar fil-faccata. Dik il-kwistjoni x-xhud ma kienx dahal fiha.

Xehed dwar ir-ricevuti li gew esebiti. Dwar Dok DG qal li din hija ricevuta fl-ammont ta' LM250.00 u dan ghal xoghol li kellu jsir fil-post tal-konvenut ma’ genb l-atturi. Dwar dan qal li x-xoghol kien sar u dan l-ammont ta' LM250.00 kien depozitu. L-ewwel bennej kien beda jahdem u mbaghad waqaf. Id-data ta' din ir-ricevuta hija 11 ta' Mejju 1994. Wiehed irid joqghod attent jekk dan kienx depozitu ghal xoghol li kellu jsir jew inkella kienx ghal xoghol li sar mill-ewwel kuntrattur, izda x-xhud qal li kellu idea li l-kuntrattur kien beda jahdem. Deherlu li kien approvah meta ghamel ic-certifikat. Xehed dwar ricevuta fiskali tal-4 ta' Dicembru 1998 tat-tieni kuntrattur, fl-ammont ta' LM2100.00, u dan huwa l-kuntrattur li spicca x-xoghol kollu.

Dwar ir-ricevuta tal-15 ta' Lulju 1989 qal li din kienet ricevuta fiskali li harigha x-xhud rigward il-hlas tas-servizzi professjonali tieghu. Din hija ricevuta fiskali tal-perizja tal-Qorti. Dwar ir-ricevuta tat-28 ta' Awissu 1998 qal li din hija kont ghal xiri ta' travi fl-ammont ta' Lm60.00. Ricevuta ohra hija bid-data tal-25 ta' Awissu 1998 , u tieni wahda, bid-data ta' l-24 ta' Settembru 1998. L-ewwel wahda hija fl-ammont ta' LM24.00, u t-tieni wahda fl-ammont ta' LM48.00, u dawn kienu ghall-kiri ta' l-i***skips***. Dwar ricevuta bid-data tat-28 ta' Awissu 1998 ghall-ammont ta' LM240.00 qal li din kienet ghall-provvista tal-gebel.

Ir-ricevuta tas-27 ta' Awissu 1998 fl-ammont ta' LM17.00 kienet ghall-kiri ta’ ***jigger***. Dwar Dok ML qal li dawn huma zewg ricevuti, wahda ta’ LM20.29, u l-ohra ta’ LM 37.66 u dawn kienu ghall-provvista ta’ konkos u dawn huma datati 4 ta’ Settembru 1998 u 5 ta’ Settembru 1998. Hemm ukoll ricevuta tal-24 ta’ Settembru 1998 fl-ammont ta' LM7.00 ghall-kiri ta’ ***jigger***. Kien hemm ricevuta ta’ LM10.00 ghall-garr ta’ travi, u ricevuta ta’ LM100.00 ghall-provvista ta’ ***crane*** bid-data tal-5 ta’ Settembru 1998. Hemm dokument fl-ammont ta’ LM105.00 u dan jikkonsisti f’kont u ricevuta fiskali, it-tnejn bid-data tal-15 ta’ Settembru

1998 ghall-garr ta' gebel qadim u materjal. Hemm ricevuta fl-ammont ta' LM28.14 ghall-provvista ta' siment u qatran u ohra fl-ammont ta' LM75.68, ghall-provvista ta' xiri ta' siment u kiri ta' ***jigger***. Ix-xhud qal li dawn ir-ricevuti kollha li xehed fuqhom meta kien iccertifika x-xoghol kien jaf bihom, u approvahom ukoll.

Id-dokument u ritratt a fol 85 u 86 tal-process huma certifikat u stima bir-ritratt mieghu. Meta kien issorvelja x-xoghol dawn ma kienux dahlu, izda gibdulu l-attenzjoni ghalihom meta meta mar jaghmel l-access dan l-ahhar. Zied jghid li mid-dehra din tirrigwarda xi tnehhija tal-***pipe*** tal-ilma mill-faccata. Din ix-xhud ma dahalx fiha ghax ma kenitx parti mix-xoghol meta kien mar jissorvelja x-xoghol. L-i***statements*** tal-bank qal li ma kellux x'jaqsam maghhom. Ikkonferma li x-xoghol kollu sar taht is-sorveljanza tieghu.

Mistoqsi kienx hemm tfixkil da parti tal-konvenut biex jitkompla x-xoghol qal li kien jaf li kien hemm xi tfixkil sakemm beda x-xoghol u kellhom anke diffikulta` biex jidhlu fuq is-sit li gara fuq id-dar tal-konvenut.

In kontro ezami qal li l-ewwel haddiema bdew u mbaghad waqfu. Huma kienu qalulu li ma xtaqux ikomplu izda ma ftakarx li nghata raguni li ma xtaqux ikomplu minhabba l-konvenut. Qal li kien hemm sitwazzjoni hazina bejn il-partijiet u kien hemm il-kaz ukoll fejn kellha tiddahhal il-Pulizija, izda hu ma dahalx fir-rigward ta' min kienet ir-responsabbilta`. Hu kien biss responsabbli ghax-xoghol, tat-teknika. Ma setax jiftakar ezatt meta kien beda x-xoghol originarjament izda qabel li l-ewwel li bena kien il-konvenut. Il-kawza kienet biex il-konvenut jerga' lura fuq il-linja originali tal-qasma. Qal li l-kawza kienet biex itihom l-art lura u jitressaq il-hajt. Dan il-hajt illum huwa hajt ta' appogg, hajt divizorju bejn iz-zewg proprjetajiet. Ra l-kont ghall-hlas ta' l-appogg u qal li ma setax jghid jekk jaqbilx mieghu ghax dan il-kont inhareg minn perit iehor u biex hu jara jaqbilx mieghu jew le ried ikejjel il-hajt. Zied jghid li sa fejn kien jaf hu l-konvenut ma kienx hareg xi flus biex jitwaqqa' dan il-hajt ta' l-apppogg. Dan il-hajt ta' l-appogg illum ghadu hemmhekk u l-atturi kienu bnew wara, u allura

dan il-hajt huwa komuni ghaz-zewg partijiet. Gie mistoqsi dwar is-somma ta’ LM2300 li kellha tithallas u qal li dan kellu jithallas ghax-xoghol li kellu jsir. L-ewwel kellu jithaffer il-pedament, jitnehha l-***concrete***, jitnehhew il-pedament f'dik il-parti tal-bini li kienet proprjeta ta' l-atturi.

Apparti li jigi demolit il-hajt kellu jissaqqaf l-ispazju vojt li gie ffurmat, u dan sar min-naha ta' l-atturi. Kien sar xoghol gdid, kostruzzjoni gdida ghal dak li spjegajt fir-rigward tal-gjonta tas-saqaf kif saret, u dan sar min-naha ta’ l-atturi. Mistoqsi fir-rigward tal-kont ta' LM140.00 jekk dak hu kont tal-Qorti talli kien gie mqabbad mill-Qorti, qal li ried jivverifika. Zied jghid li peress li l-konvenut invada l-proprjeta` ta' l-atturi kellu jitwaqqa' l-hajt u jitressaq lura biex l-atturi jiehdu l-proprjeta` li kienet verament taghhom. Ghalhekk il-pedament tqeghdu illegalment mill-konvenut fil-proprjeta ta’ l-atturi. Biex ikun jista’ jghid kemm mill-hajt huwa tad-demolizzjoni u kemm minnu huwa tar-re-integrazzjoni qal li trid tmur fuq il-post u taghmel il-kejl kif suppost.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi din il-kawza giet istitwita sabiex jigi dikjarat li l-atturi ezegwew ix-xogholijiet skond is-sentenza moghtija mill-Onor. Qorti tal-Appell, fis-16 ta’ Settembru 1994, u kif ukoll sabiex jigu likwidati l-ispejjez u l-infieq biex saru x-xogholijiet necessarji,u l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu tali somma. Illi gie eccepit mill-konvenuti li l-atturi ghandhom jippruvaw li huma ghamlu x-xogholijiet, li huma m’ghandhomx ibatu l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri.

Irrizulta li l-kaz originarjament kien jirrigwarda kaz ta’ ***restitutio in integrum*** kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta’ Settembru 1994. In segwitu, kien hemm sensiela ohra ta’ kawzi, fosthom ir-rikors kostituzzjonali, u r-rikors li sar quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili li giet deciza fl-14 ta’ Lulju 2000, u l-Appell mill-istess sentenza gie deciz fis-16 ta’ April 2004 ( a fol 13 sa 48). Illi fis-16 ta’ Settembru 1994 gie ritenut mill-Qorti tal-Appell:

“Il-Qorti minflok ma tordna l-applikazzjoni tas-sanzjoni tat-twaqqiegh tal-bini u tar-restitutio in integrum, tapplika din id-disposizzjoni u b’hekk tiddikjara l-art invaza, u l-bini li

jsir fuqha bhala proprjeta` ta' min bena, taht l-obbligu li dan ihallas lis-sid tal-art okkupata u d-danni." ( a fol 27 a thergo).

Gie ribadit ukoll fis-sentenza fir-rigward tal-ispejjez:
"Jidher li l-appellant injora ghal kollox din il-kawza u baqa' jtella' u lesta minn kollox il-bini tieghu, minghajr ma stenna l-ezitu ta' din il-kawza. B'hekk evidentement, huwa ha riskju zejjed u xehet fuqu stess ir-responsabbilta` ghall-konsegwenzi inezorabbli ta' l-operat abuziv tieghu. F'dawn ic-cirkustanzi, certament, mhux il-kaz li tigi kkunsidrata ebda talba ghal temperament fil-kap tal-ispejjez." ( a fol 29).

Irrizulta li l-Perit imqabbad mill-Qorti, il-Perit David Pace kien zamm access u ssottometta r-rapport tieghu. Di piu`, kien gie inkarigat, anke wara li nghatat is-sentenza biex jissorvelja l-qasma li kellha ssir. Fix-xhieda tieghu, gie sottolineat, li minhabba s-sitwazzjoni tal-kaz partikolari u tal-argumenti kontinwi bejn il-partijiet, il-kuntratturi kienu bdew u rrifjutaw li jkomplu u kellhom jitqabbdu kuntratturi ohra. In vista ta' dan kollu, il-Perit ikkonferma li l-ammont totali tal-ispiza tax-xoghol hu gustifikabbli, ghalkemm jistghu jiqiesu bi 15% iktar gholjin mir-rata normali. Izda, meta jitqiesu l-piki u l-glied li kien hemm bejn il-partijiet, ma kienx facli li jinstabu kuntratturi godda (a fol 107).

Irrizulta wkoll, li l-konvenuti qabbdu l-perit taghhom Anthony Muscat li hareg certifikat fejn gie rilevat li l-ispiza tammonta ghal LM685, u ghalhekk, il-konvenuti nsistew dejjem fuq dan l-ammont u sahansitra ddepozitaw permezz ta' cedola ta' depozitu l-ammont likwidat mill-perit taghhom (a fol 52 sa 54).

F'dan il-kuntest, ta min ighid li l-Qorti ma tistax tirrikonoxxi li din hija prasi u procedura accettata. Illi diga gie ritenut minn din il-Qorti, diversament preseduta, kif ukoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, min hu proprjetarju tal-porzjon art in kwistjoni. Ghalhekk, din il-kwistjoni hija ***res judicata*** wkoll li l-ispejjez tax-xogholijiet li kellhom isiru fuq il-proprjeta` jigifieri li jnehhu kull kostruzzjoni li ghamel fuq dik il-parti tal-plot tal-attur li l-konvenuti invalidew u

approprjaw, ghandhom ikunu a spejjez tal-istess konvenut.

Issa, fil-kaz taht ezami, jirrizulta li l-piki u l-glied bejn il-partijiet ghadhom ghaddejin. U proprju ghalhekk, giet intavolata din il-kawza, stante li l-partijiet ghad ma jistghux jaqblu dwar il-kap tal-ispejjez. Fid-dawl ta' dak kollu enuncjat hawn fuq, il-Qorti tqis li l-agir tal-konvenuti ma kienx gust. L-ewwel nett, hekk kif irrizulta mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell, l-konvenuti kienu njoraw il-kawza pendenti quddiem il-Qorti dak iz-zmien u komplew bil-kostruzzjoni (a fol 29). Dan kien agir li bla dubju zied l-ispejjez tax-xoghol li kellu jsir wara li s-sentenza tal-Qorti li ordnat il-kostruzzjoni li saret kellha titwaqqa`. Fit-tieni lok, id-dizgwid u l-piki bejn il-partijiet, sahansitra waqt li kien qed isir ix-xoghol ordnat b'sentenza tal-Qorti, kellhom certament impatt fuq l-ammont totali tal-ispiza koncernata, hekk kif fil-fatt ikkonferma l-Perit David Pace (a fol 107).

Konsegwentement, anke l-mod kif qed jigu kkontestati l-ispejjez mill-konvenuti ma jistax jitqies korrett. Dan ghaliex il-Perit David Pace imqabbad mill-Qorti ssottometta l-ircevuti kollha konnessi u relatati max-xoghol li sar (a fol 109 sa 125). Ghalhekk, fid-dawl tal-premess, il-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghaliex m'ghandhiex tibbaza d-decizjoni taghha fuq dak indikat mill-Perit David Pace.

Illi gie rilevat fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut li l-ispejjez tax-xogholijiet qed jigu kkontestati peress li gie allegat li dan jinkludi xogholijiet li ma gewx ordnati mis-sentenza in kwistjoni. Il-Perit Pace xehed fid-dettal dwar ir-ricevuti fiskali. Hu kkonferma li fir-rigward tar-ricevuti kollha, dawn gew approvati minnu. Ghalhekk, ix-xoghol kien kollu kemm hu sorveljat mill-Perit nominat mill-Qorti w li apparti milli jigi demolit l-hajt kollu jsir xoghol iehor addizzjonali bhal thaffir ta' pedamenti, tnehhija ta' concrete, u kif ukoll, xoghol gdid ta' kostruzzjoni ghar-rigward ta' gonta tas-saqaf. Izda, il-Perit xehed li dan kollu sar:

“peress li l-konvenut invada l-proprjeta` tal-atturi, kellu jitwaqqa’ l-hajt u jitressaq lura biex l-atturi jiehdu l-proprjeta` li kienet verament taghhom.” ( a fol 137 u 138).

Ghal dawn il-motivi, tilqa’ t-talbiet tal-atturi u tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ tlett elef lira [LM3000]. Dan l-ammont jirrifletti dak imsemmi mill-Perit David Pace biex wiehed jottempera ruhu ma’ dak li qalet l-Onor Qorti tal-Appell,

Dwar l-aspett tal-imghax huwa sufficjenti li l-Qorti tirriferi ghas-sentenza tal-Onor Qorti ta’ l-Appell tad-19 ta’ Novembru, 2001 fl-ismijiet **Aquilina Francis X vs Mamo Andrew noe** fejn intqal:

"Din il-Qorti allura mhix qeghda b’mod kategoriku tghid illi ma jistghux jezistu cirkostanzi fejn l-imghax ikunu wkoll dovuti fuq ammont li ma jkunx ghadu materjalment gie likwidat bl-applikazzjoni tal-principju in illiquidis not fit mora, specjalment fejn ir-responsabilita’ ghad-danni tkun giet ammessa. Il-gurisprudenza illi l-attur “ma setghax jitlob interessi anterjuri ghall-prezentata tac-citazzjoni ghaliex hu ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrali li f’kawza ta’ likwidazzjoni jinghataw biss interessi mid-data tas-sentenza………..” hi s-suggett ta’ zvilupp gurisprudenzjali li ghad irid jigi verifikat. Dan anke jekk sal-lum is-segwenti gurisprudenza elenkata mill-appellat nomine hi tista’ tghid pacifika.

“(1) Salvatore Camilleri noe vs. Candida Dimech ed altri (9 ta’ April, 1877) fejn il-Prim’Awla tal-Qorti Civili ddecidiet illi:

“…………..il debitore di una somma non liquida non deve interessi se non dal giorno della liquidazione…………..”

(2) Negoziante Vincenzo Strati vs Tito Boselli noe (18 ta’ Ottubru, 1909) fejn il-Qorti Kummercjali rriteniet illi:

“I crediti illiquidi, sebbene commerciali, non producono interessi che dal giorno della liquidazione”.

(3) Filippo Farrugia Gay vs. Padre Antonio Buhagiar dei Minori Conventuali noe (12 ta' Mejju, 1916) fejn il-Qorti ta' l-Appell qatghet illi:

"Ma non essensdo chiesta una somma liquida, gli interessi non possono decorrere che dalla data della liquidazione, la quale nel caso sotto esame segue mediante la presenti decisione".

(4) Vincente Grech et vs. Onor. Prof. AIC John Gatt noe (24 ta' Ottubru, 1941) fejn il-Qorti ta' l-Appell ghal darb'ohra qatghet illi:

" …………meta s-somma ma tkunx likwidata l-imghax jibda jiddekorri mill-gurnata tal-likwidazzjoni".

(5) Maria Ellul Bonnici et vs. Felice Mercieca et noe (26 ta' April, 1950) fejn il-Qorti Civili Prim'Awla sahqet illi:

"L-imghaxijiet ma humiex dovuti mill-gurnata tat-talba meta d-debitu jkun incert u illikwidu, izda mill-jum tal-likwidazzjoni u ta' l-approvazzjoni taghha".

U, kif spjegat il-Qorti stess, dan il-principju huwa konsegwenza naturali tal-fatt li qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni d-debitur ma jistax jinghad li jkun kostitwit in mora.

(6) Anthony Mercieca vs in-Nobbli Salvino Testaferrata Moroni Viani et (16 ta' Dicembru, 1991) fejn il-Qorti sahqet fit-tul dwar l-espressjoni "likwidazzjoni". Il-Qorti spjegat illi:

"Ammont likwidu jew ammont illikwidu huma espressjonijiet ekwivalenti ghal ammont determinat jew ammont indeterminat u dawn huma dejjem riferibbli ghall-pretensjonijit avvanzata fit-talba ta' l-attur. Huwa l-attur li jiffissa t-termini tal-pretensjoni tieghu u huwa jaghzel jekk jitlobx ammont minnu determinat jew jitlob ammont indeterminat li ghandu jigi determinat mill-Qorti".

B'dana kollu din il-Qorti f'kawza b'mertu bhal dak taht ezami ma kellhiex tonqos li tesplora l-possibilita' li dak il-

principju jkun temperat fejn tkun ovvja l-assunzjoni ta' responsabilita' ghall-hlas tad-danni u fejn allura n-nuqqas ta' likwidita' tkun tirreferi ghal ammont pretiz, u mhux ghall-accettazzjoni tar-responsabilita' ghall-hlas tieghu. Fejn imbaghad l-ammont effettivament likwidat ikun jirrizulta li hu sostanzjalment l-istess bhal dak pretiz mill-kreditur, il-Qorti setghet tqis li kienu jokkorru cirkostanzi fejn kellha tassigura li d-debitur ma jigix avvantaggjat semplicement mir-riluttanza tieghu li jhallas bl-iskuza li l-ammont ma kienx determinat gudizzjarjament, billi jiffranka l-hlas ta' l-imghax sakemm l-ammont jigi definittivament likwidat."

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tichad l-ewwel eccezjoni ghax mix-xhida tal-Perit Pace jirrizulta li l-atturi effettivament ghamlu x-xogholijiet kif gew ordnati mill-Qorti.

Sekondarjament il-konvenuti sostnew li ma kellhomx ibatu l-ispejjez ta' dawn il-proceduri stante li huma kienu offrew li jhallsu lill-atturi s-somma ta' l-ispejjez minnhom inkorsi in ezekuzzjoni tas-sentenza in kwistjoni skond l-istima tal-perit tal-konvenuti (Dok A); izda irrizulta li l-ammont offert ta' LM685 kienet ferm inferjuri ghal dik dovuta ta' tlett elef lira u ghalhekk din l-eccezzjoni hija michuda wkoll.

It-talba attrici fl-ewwel lok kienet ghal dikjarazzjoni li l-atturi ezegwew ix-xogholijiet skond is-sentenza debitament moghtija u cioe` fis-16 ta' Settembru, 1994; Dan fil-fatt irrizulta u l-Qorti qedgha tilqa' din it-talba.

Il-Qorti illikwidat l-ispejjez u infieq necessarju sabiex saru x-xogholijiet a tenur tas-sentenza fl-ammont ta' tlett telef lira [LM3000].

Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi din is-somma. It-talba ghall-imghax minn meta saru x-xogholijiet ma tistax tigi milqugha ghall-motivi fuq imsemmija.

Spejjez 4/5 ghall-konvenuti, u 1/5 ghall-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------